PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument leġislattiv konsolidat*

16.4.2014 EP-PE_TC1-COD(2012)0196

# ***I
# POŻIZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' April 2014 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il kummerċ fihom (riformulazzjoni)
(EP-PE_TC1-COD(2012)0196)

PE 526.516

**POŻIZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' April 2014**

**bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (riformulazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara konsultazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[2],

1 ĠU C 11, 15.1.2013, p. 85.
2 Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2014.

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom[1] ġie emendat kemm-il darba[2] b'mod sostanzjali. Peress li għandhom isiru iktar emendi, dak ir-regolament għandu jiġi irriformulat fl-interessi taċ-ċarezza.

(2) L-iskop ta' dan ir-Regolament huwa li jiżgura l-protezzjoni tal-ispeċi ta' fawna u flora salvaġġi li huma mhedda bil-kummerċ jew li jistgħu jiġu possibilment mhedda .

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma jippreġudikawx miżuri aktar stretti li jistgħu jittieħdu jew jinżammu fis-seħħ minn Stati Membri, b'konformità mat-Trattat, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam maż-żamma ta' kampjuni ta' speċi koperti b'dan ir-Regolament.

(4) Huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti kriterji oġġettivi dwar l-inklużjoni ta' speċi ta' fawna u flora salvaġġi fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

1 ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.
2 Ara l-Anness II.

(5) L-implimentazjoni ta' dan ir-Regolament titlob li jiġu applikati kondizzjonijiet komuni għall-ħruġ, użu u preżentazzjoni ta' dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fl-Unjoni u ma' l-esportazzjoni jew ir-riesportazzjoni fl-Unjoni tal-kampjuni ta' speċi koperti b'dan ir-Regolament. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-ġarr ta' kampjuni fl-Unjoni .

(6) Huwa għal awtorità amministrattiva ta' l-Istat Membru destinatarju, megħjuna minn awtorità xjentifika ta' dak l-Istat Membru u, fejn xieraq, b'kunsiderazzjoni ta' kull opinjoni tal-Grupp ta' Reviżjoni Xjentifika, biex tiddeċiedi dwar talbiet għall-introduzzjoni ta' kampjuni fl-Unjoni .

(7) Huwa meħtieġ li jiġu previsti d-dispożizzjonijiet dwar riesportazzjoni ikunu supplimentati bi proċedura ta' konsultazzjoni fil-qafas tad-dispożizzjonijiet dwar ir-ri-esportazzjoni, sabiex ikun limitat ir-riskju ta' ksur ta' regolamenti.

(8) Biex tkun garantita l-protezzjoni aktar effettiva ta' l-ispeċi ta' fawna u flora salvaġġi, restrizzjonijiet addizzjonali jistgħu jkunu imposti fuq l-introduzzjoni ta' kampjuni, u l-esportazjoni tagħhom mill-Unjoni . F'dak li għandu x'jaqsam ma' kampjuni ħajjin, dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jkunu supplimentati b'restrizzjonijiet fil-livell tal-Unjoni dwar iż-żamma jew il-moviment ta' kampjuni bħal dawn fl-Unjoni .

(9) Huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għal kampjuni li jkunu twieldu u trabbew fil-magħluq, jew ta' kampjuni mnissla artifiċjalment, għal kampjuni li huma oġġetti personali jew domestiċi, u għal self li ma jkunx kummerċjali, donazzjonijiet, skambji bejn xjenzjati reġistrati u istituzzjonijiet xjentifiċi.

(10) Hemm il-ħtieġa, sabiex tkun assigurata l-aktar protezzjoni wiesgħa possibbli għal kampjuni koperti b'dan ir-Regolament, li jkunu stabbiliti dispożizzjonijiet biex ikunu kontrollati l-kummerċ u l-moviment ta' kampjuni fl-Unjoni , u l-kondizzjonijiet dwar fejn jinżammu dawn il-kampjuni. Iċ-ċertifikati maħruġa permezz ta' dan ir-Regolament, li jikkontribwixxu għall-kontroll ta' dawn l-attivitajiet, għandhom ikunu regolati b'regoli komuni dwar il-ħruġ, validità u l-użu tagħhom.

(11) Għandhom jittieħdu miżuri biex jimminimizzaw l-effetti ħżiena fuq kampjuni ħajjin waqt it-trasport lejn id-destinazzjoni tagħhom, mill- Unjoni u fiha .

(12) Biex ikunu assigurati kontrolli effettivi u jkunu faċilitati proċeduri doganali, uffiċċji doganali għandhom ikunu nominati, b'persunal imħarreġ li jkun responsabbli għat-twettiq tal-formalitajiet meħtieġa u tal-verifiki korrispondenti meta kampjuni jkunu introdotti fl-Unjoni , sabiex jingħatalhom trattament jew użu approvat mid-dwana fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92[1], jew meta dawn ikunu esportati jew riesportati mill- Unjoni . Għandu jkun hemm ukoll faċilitajiet biex jiggarantixxu li kampjuni ħajjin ikunu miżmuma kif xieraq u ndukrati.

(13) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament titlob ukoll in-nominazzjoni ta' awtoritajiet amministrattivi u xjentifiċi mill-Istati Membri.

(14) Il-fatt li jkun infurmat il-pubbliku u li jsir konxju tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, partikolarment fil-postijiet fejn jiltaqgħu il-fruntieri, x'aktarx jinkoraġġixxi l-konformità ma dawn id-dispożizzjonijiet.

(15) Sabiex ikun assigurat it-twettiq effettiv ta' dan ir-Regolament, Stati Membri għandhom jissorveljaw mill-qrib il-konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu u, għal dak il-għan, jikkooperaw mill-qrib bejniethom u mal-Kummissjoni. Dan jeħtieġ il-komunikazzjoni ta' informazzjoni li għandha x'taqsam ma' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

1 Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

(16) Il-monitoraġġ tal-livelli tal-kummerċ fi speċi ta' fawna u flora salvaġġi koperti b'dan ir-Regolament huwa ta' importanza kruċjali għall-istudju dwar l-effetti fuq il-kummerċ u l-konservazzjoni ta' l-istatus ta' l-ispeċi. Ir-rapporti dettaljati annwali għandhom jitħejjew b'format komuni.

(17) Sabiex tkun assigurata konformità ma dan ir-Regolament, huwa importanti li Stati Membri jimponu sanzjonijiet dwar xi ksur b'mod li jkun kemm suffiċjenti u kemm xieraq għan-natura u l-gravità tal-ksur.

(18) Il-kwantità ta' aspetti bijoloġiċi u ekoloġiċi li għandhom ikunu kkunsidrati fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tinħtieġ il-ħolqien ta' Grupp ta' Reviżjoni Xjentifika, li l-opinjonijiet tiegħu għandhom ikunu mwassla mill-Kummissjoni lill-Kumitat u lill-korpi amministrattivi ta' l-Istati Membri, biex jgħinuhom jaslu għad-deċiżjonijiet tagħhom.

(19) Sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni sabiex tadotta ċerti miżuri li jirregolaw il-kummerċ fl-ispeċi ta' fawna u flora selvaġġi, sabiex tadotta ċertu emendi għall-Annessi għal dan ir- Regolament u sabiex tadotta miżuri addizzjonali sabiex jiġu implimentati ir-riżoluzzjonijiet tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali tal-Ispeċi ta' fawna u flora selvaġġi mhedda b'Estinzjoni (CITES) ('il quddiem imsejħa 'il-Konvenzjoni'), deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni jew rakkomandazzjonijiet tas-Segretarjat tal-Konvenzjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(20) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni, ***b'mod partikolari għall-istabbiliment tad-disinn, il-mudell u l-format ta' ċerti dokumenti***. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni~~[1], **[Em. 1]**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

1 ***Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni (***ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.).

## Artikolu 1

## Suġġett

L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jipproteġi l-ispeċi ta' fawna u flora salvaġġi u li jiggarantixxi l-konservazzjoni tagħhom billi jirregola l-kummerċ fihom skond l-Artikoli 2 sa 22 u l-Annessi A sa D kif stabbilit fl-Anness I, 'il quddiem imsejħa "Anness A", "Anness B", Anness "C" u "Anness D" .

Dan ir-Regolament għandu japplika f'konformità ma' l-għanijiet, il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni imfissra fl-Artikolu 2(b).

## Artikolu 2

## Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) 'Kumitat' ifisser il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21(1) ;

(b) 'Konvenzjoni' tfisser il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fi Speċi fil-Periklu ta' Fawna u Flora Salvaġġi (CITES);

(c) ‘pajjiż ta' l-oriġini’ jfisser il-pajjiż li fih kampjun ikun ittieħed, twieled u trabba fl-ambjent naturali tiegħu jew tnissel artifiċjalment;

(d) ‘notifikazzjoni ta' importazzjoni’ tfisser in-notifika mogħtija mill-importatur jew l-aġent jew rappreżentant tiegħu, waqt l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kampjun ta' speċi inkluża fl-Annessi C jew D, fuq il-formola prevista fl-Artikolu ~~19(2)~~***10(1d)***; **[Em. 2]**

(e) ‘introduzzjoni mill-baħar’ tfisser l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kull kampjun li jkun ittieħed fil-, u li jkun qiegħed jiġi introdott direttament mill-ambjent marittimu li ma jkunx taħt il-ġurisdizzjoni ta' xi Stat, inkluż l-ispazju ta' l-ajru ta' fuq il-baħar u l-qiegħ tal-baħar u s-sediment ta' taħt il-baħar;

(f) ‘il-ħruġ’ ifisser it-tkomplija tal-proċeduri kollha involuti fit-tħejjija u l-validazzjoni ta' permess jew ċertifikat u t-twassil tiegħu lill-applikant;

(g) ‘awtorità amministrattiva’ tfisser awtorità amministrattiva nazzjonali nominata, fil-każ ta' Stat Membru, skond l-Artikolu 13(1) jew, fil-każ ta' Parti minn pajjiż terz tal-Konvenzjoni, skond l-Artikolu IX tal-Konvenzjoni;

(h) ‘Stat Membru destinatarju’ jfisser l-Istat Membru destinatarju msemmi fid-dokument użat għall-esportazzjoni jew ri-esportazzjoni ta' kampjun; fil-każ ta' imtroduzzjoni mill-baħar, għandu jfisser l-Istat Membru li fil-ġurisdizzjoni tiegħu jkun jinsab il-post tad-destinazzjoni tal-kampjun;

(i) ‘offerta għal bejgħ’ tfisser l-offerta għal bejgħ u kull azzjoni li raġonevolment tista’ tkun meqjusa bħala tali, inkluż ir-reklamar jew kaġun ta' reklamar għal bejgħ u stedina għal trattament;

(j) ‘oġġetti personali jew domestiċi’ tfisser kampjuni mejta, partijiet jew derivattivi minnhom, li jkunu l-proprjetà ta' individwu privat u li jiffurmaw, jew li huma maħsuba biex jiffurmaw, parti mill-oġġetti u l-proprjetà mobbli tiegħu;

(k) ‘post destinatarju’ jfisser il-post maħsub li fih il-kampjuni għandhom normalment jinżammu fil-ħin ta' l-introduzzjoni fl-Unjoni ; fil-każ ta' kampjuni ħajjin, dan għandu jkun l-ewwel post fejn il-kampjuni jkun maħsub li jinżammu wara xi perjodu ta' kwarantina jew xi għeluq iehor għal skopijiet ta' verifiki u kontrolli sanitarji;

(l) ‘popolazzjoni’ tfisser in-numru totali ta' individwi bijoloġikament jew ġeografikament distinti;

(m) ‘skopijiet primarjament kummerċjali’ tfisser l-iskopijiet kollha li l-aspetti mhux kommerċjali tagħhom ma jkunux jippredominaw b'mod ċar;

(n) ‘riesportazzjoni mill- Unjoni tfisser esportazzjoni mill- Unjoni ta' kull kampjun li jkun ġie introdott qabel;

(o) ‘introduzzjoni mill-ġdid fl-Unjoni tfisser introduzzjoni fil-Komunità ta' xi kampjun li kien esportat jew riesportat qabel;

(p) ‘bejgħ’ ifisser kull tip ta' bejgħ. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, kiri, tpartit jew tibdil għandu jkun meqjus bħala bejgħ; espressjonijiet li jixxiebħu għandhom ikunu meqjusa bl-istess mod;

(q) ‘awtorità xjentifika’ tfisser awtorità xjentifika nominata, fil-każ ta' Stat Membru, skond l-Artikolu 13(2) jew, fil-każ ta' Parti minn pajjiż terz tal-Konvenzjoni, skond l-Artikolu IX tal-Konvenzjoni;

(r) ‘Grupp ta' Reviżjoni Xjentifika’ ifisser korp kunsultattiv stabbilit skond l-Artikolu 17;

(s) ‘speċi’ tfisser speċi, sub-speċi jew il-popolazzjoni tagħhom;

(t) ‘kampjun’ ifisser kull annimal jew xitla, sew jekk ħaj/ħajja u sew jekk mejjet/mejta, ta' l-ispeċi elenkati fl-Annessi A sa D, xi parti jew derivattiva minnhom, kemm jekk tkun f'xi oġġetti oħra u kemm le, kif ukoll kull oġġett ieħor li jitfaċċa minn xi dokument li jkun hemm magħhom, l-ippakkjar jew xi marka jew tikketta jew minn xi ċirkostanzi oħra, li huma jew li jkun fihom partijiet jew derivattivi ta' annimali jew pjanti ta' dawk l-ispeċi, sakemm dawk il-pjanti jew derivattivi ma jkunux speċifikament eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew minn xi dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-Anness li fih l-ispeċi kkonċernata hi elenkata permezz ta' indikazzjoni għal dak il-għan fl-Annessi konċernati.

Kampjun għandu jkun meqjus bħala kampjun ta' speċi elenkati fl-Annessi A sa D jekk ikun, jew jifforma parti minn jew ikun derivat minn, annimal jew pjanta li mill-anqas wieħed mill-"ġenituri" tiegħu/tagħha jkun mill-ispeċi hekk elenkata. Fil-każi fejn il-"ġenituri" ta' annimal jew pjanta bħal din huma ta' speċi elenkati fl-Annessi diversi, jew ta' speċi li wieħed minnhom biss ikun elenkat, id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness aktar restrittiv għandhom ikunu applikabbli. Madankollu, fil-każ ta' kampjuni ta' pjanti ibridi, jekk wieħed mill-"ġenituri" jkun ta' speċi elenkata fl-Anness A, id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness l-aktar restrittiv għandhom ikunu applikabbli biss jekk dak l-ispeċi jkun annottat fl-Anness għal dak il-għan;

(u) ‘kummerċ’ ifisser l-introduzzjoni fl-Unjoni , inkluża l-introduzzjoni mill-baħar, u l-esportazzjoni u riesportazzjoni minn hemm, kif ukoll l-użu, il-moviment u t-trasferiment tal-pussess mill-Unjoni, inkluż fi Stat Membru, ta' kampjuni suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;

(v) ‘ġarr’ ifisser it-trasport ta' kampjuni bejn żewġ postijiet barra mill- Unjoni li jgħaddi mit-territorju tal-Unjoni u li jkunu mibgħuta lil xi kunsinnatarju nominat u li matulu kull interruzzjoni fil-moviment tinħoloq biss mill-arranġamenti meħtieġa għal dan it-tip ta' traffiku;

(w) ‘kampjuni maħduma li nkisbu aktar minn 50 sena qabel’ tfisser kampjuni li kienu nbidlu sostanzjalment mill-istat naturali tagħhom f'ġojjelli, tiżjin, arti, utilità, jew strumenti mużikali, qabel it-3 ta’ Marzu 1947 u li kienu, għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità ta' l-amministrazzjoni ta' l-Istat Membru ikkonċernat, akkwistati b'dawk il-kondizzjonijiet. Kampjuni bħal dawn għandhom ikunu meqjusa bħala maħduma biss jekk ikun ċar li kienu f'waħda mill-kategoriji msemmija qabel u li ma jeħtiġux aktar tqattigħ, xogħol jew manifattura biex iwettqu l-iskop tagħhom;

(x) ‘verifiki fil-waqt ta' l-introduzzjoni, esportazzjoni, riesportazzjoni u ġarr’ għandha tffisser verifiki dokumentati taċ-ċertifikati, permessi u notifikazzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u, fil-każijiet fejn id-dispożizzjonijiet tal- Unjoni hekk jiddisponu jew f'każijiet oħra b'kampjunarju rappreżentattiv tal-konsenji, eżami tal-kampjuni, meta jkun il-każ akkumpanjat bit-teħid ta' kampjuni bil-għan ta' analiżi u verifiki aktar dettaljati.

Artikolu 3

Kamp ta' Applikazzjoni

1. L-Anness A għandu jkun fih:

(a) l-ispeċi elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni li dwarhom l-Istati Membri m'għamlux riserva;

(b) kull speċi:

(i) li tkun, jew li tista' tkun, fid-domanda għal utilizzazzjoni fl-Unjoni jew għal kummerċ internazzjonali u li tkun jew mhedda bl-estinzjoni jew hekk rari li kull livell ta' kummerċ jista jipperikola s-sopravivenza ta' l-ispeċi,

jew

(ii) li tkun f'ġeneru li l-parti l-kbira ta' l-ispeċi tiegħu jew li tkun speċi li l-parti l-kbira tagħhom ikunu subspeċi elenkati fl-Anness A skond il-kriterji fil-punti (a) u (b)(i) u li l-elenku tagħhom f' dak l-Anness ikun essenzjali għall-protezzjoni effettiva ta' dawk it-taxa.

2. L-Anness B għandu jkun fih:

(a) l-ispeċi elenkati fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, għajr dawk elenkati fl-Anness A, li dwarhom l-Istati Membri ma kienux għamlu riserva;

(b) l-ispeċi elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni li dwarhom tkun saret riserva;

(c) xi speċi oħra li mhix elenkata fl-Appendiċi I jew II tal-Konvenzjoni:

(i) li tkunu suġġetta għal livelli ta' kummerċ internazzjonali li jistgħu ma jkunux kompatibbli:

– mas-sopravivenza tagħha jew mas-sopravivenza tal-popolazzjoni f'ċerti pajjiżi, jew

– maż-żamma tal-popolazzjoni totali f'livell konsistenti mar-rwol ta' l-ispeċi fl-eko-sistemi li fih tkun tinstab:

jew

(ii) li l-elenkar tagħha fl-Anness għal raġunijiet ta' xebħ fid-dehra ma' speċi oħra elenkati fl-Anness A jew B, ikun essenzjali sabiex ikunu assigurati l-kontrolli effettivi fuq il-kummerċ tal-kampjuni ta' speċi bħal dawk;

(d) speċi li dwarhom ikun ġie stabbilit li l-introduzzjoni ta' kampjuni ħajjin fl-ambjent naturali tal- fl-Unjoni tkun toħloq theddida ekoloġika għall-fawna u l-flora salvaġġi indiġeni tal- Unjoni .

3. L-Anness C għandu jkun fih:

(a) l-ispeċi elenkati fl-Appendiċi III tal-Konvenzjoni, għajr dawk elenkati fl-Anness A jew B, li dwarhom l-Istati Membri ma għamlux riserva;

(b) l-ispeċi elenkati fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni li dwarhom tkun saret riserva.

4. L-Anness D għandu jkun fih:

(a) speċi li mhumiex elenkati fl-Annessi A, B u C li jkunu impurtati fl-Unjoni fi kwantitajiet li jkunu jinħtieġu monitoraġġ;

(b) l-ispeċi elenkati fl-Appendiċi III tal-Konvenzjoni li dwarhom tkun saret riserva.

5. Fejn l-istatus ta' konservazzjoni ta' speċi koperti b'dan ir-Regolament jiġġustifika li jkunu inklużi f'wieħed mill-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għall-emendi meħtieġa.

Artikolu 4

Introduzzjoni fl-Unjoni

1. L-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness A għandha tkun suġġetta għat-twettiq tal-verifiki meħtieġa u l-preżentazzjoni minn qabel, fl-uffiċċju doganali tal-fruntiera fil-post ta' l-introduzzjoni, ta' permess ta' importazzjoni maħruġ mill-awtorità amministrattiva ta' l-Istat Membru destinatarju.

Il-permess ta' importazzjoni jista’ jkun maħruġ biss skond ir-restrizzjonijiet stabbiliti skond il-paragrafu 6 u meta dawn il-kondizzjonijiet ikunu ġew imħarsa:

(a) l-awtorità xjentifika kompetenti, wara li tkun ikkunsidrat kull opinjoni tal-Grupp Xjentifiku tar-Reviżjoni, tkun avżat li l-introduzzjoni fl-Unjoni :

(i) ma jkollhiex effett ħażin fuq l-istatus ta' konservazzjoni ta' l-ispeċi jew fuq il-medda territorjali okkupata mill-popolazzjoni relevanti ta' l-ispeċi,

(ii) tkun qed isseħħ:

– għal wieħed mill-għanijiet imsemmijin fl-Artikolu 8(3)(e), (f) u (g), jew

– għal għanijiet oħra li ma jkunux detrimentali għas-sopravivenza ta' l-ispeċi konċernati;

- 

- (b) (i) l-applikant jipprovdi evidenza dokumentata li l-kampjuni nkisbu skond il-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-ispeċi konċernati li, fil-każ ta' importazzjoni minn pajjiż terz ta' kampjun ta' speċi elenkati fl-Appendiċi tal-Konvenzjoni, għandha tkun permess ta' esportazzjoni jew riesportazzjoni, jew kopja tagħhom, maħruġ skond il-Konvenzjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur jew riesportatur,

  (ii) madankollu, il-ħruġ ta' permessi ta' importazzjoni għal speċi elenkati fl-Anness A skond l-Artikolu 3(1)(a) m'għandux jeħtieġ din l-evidenza dokumentata, imma l-oriġinali ta' kull permess ta' importazzjoni m'għandux jingħata lill-applikant qabel ma jkun ippreżentat il-permess ta' l-esportazzjoni jew iċ-ċertifikat tar-ri-esportazzjoni;

(c) l-awtorità xjentifika kompetenti tkun sodisfatta li l-post maħsub li fih ikun ser jinżamm il-kampjun ħaj fil-post destinatarju jkun mgħammar adegwatament biex ikun ikkonservat u mħares kif għandu jkun;

(d) l-awtorità amministrattiva tkun sodisfatta li l-kampjun ma jkunx użat primarjament għal skopijiet kummerċjali;

(e) l-awtorità amministrattiva tkun sodisfatta, wara konsultazzjoni ma' l-awtorità xjentifika kompetenti, li ma jkunx hemm fatturi oħra li għandhom x'jaqsmu mal-konservazzjoni ta' l-ispeċi li jkunu opposti għall-ħruġ tal-permess ta' importazzjoni; u

(f) fil-każ ta' introduzzjoni mill-baħar, l-awtorità amministrattiva tkun sodisfatta li kull kampjun ħaj ikun imħejji u mibgħut bil-bahar b'mod li jnaqqaslu kemm jista' jkun ir-riskju ta' ħsara, dannu għas-saħħa jew trattament ħażin.

2. L-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness B għandha tkun suġġetta għat-twettiq tal-verifiki kollha meħtieġa u l-preżentazzjoni minn qabel, fl-uffiċju doganali tal-fruntiera fil-post ta' l-introduzzjoni, ta' permess ta' importazzjoni maħruġ mill-awtorità amministrattiva ta' l-Istat Membru destinatarju.

Il-permess ta' importazzjoni jista' jinħareġ biss skond ir-restrizzjonijiet stabbiliti skond il-paragrafu 6 u meta:

(a) l-awtorità xjentifika kompetenti, wara li tkun eżaminat id-data disponibbli u kkkunsidrat kull opinjoni mill-Grupp ta' Reviżjoni Xjentifika, tkun ta' l-opinjoni li l-introduzzjoni fl-Unjoni ma jkollhiex effetti ħżiena fuq l-istatus ta' konservazzjoni ta' l-ispeċi jew dwar il-medda territorjali okkupata mill-popolazzjoni relevanti ta' l-ispeċi, waqt li jkunu meqjusa l-livelli kummerċjali tal-preżent u tal ġejjieni. Din l-opinjoni għandha tkun valida għal importazzjonijiet sussegwenti sakemm l-aspetti msemmija hawn fuq ma jkunux tbiddlu sinifikament;

(b) l-applikant jagħti evidenza dokumentata li l-post maħsub biex jinżamm fih il-kampjun ħaj fil-post destinatarju jkun mgħammar adegwatament biex ikun ikkonservat u mħares kif għandu jkun;

(c) il-kondizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1(b)(i), (e) u (f) ikunu ġew imħarsa.

3. L-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness C għandha tkun suġġetta għat-twettiq tal-verifiki kollha meħtieġa u l-preżentazzjoni minn qabel, fl-uffiċċju doganali tal-fruntiera fil-post ta' l-introduzzjoni, ta' notifika ta' importazzjoni u:

(a) fil-każ ta' esportazzjoni minn pajjiż imsemmi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ispeċi kkonċernat fl-Anness C, l-applikant għandu jagħti evidenza dokumentata, permezz ta' permess ta' esportazzjoni maħruġ skond il-Konvenzjoni minn awtorità ta' dak il-pajjiż li tkun kompetenti għal dak il-għan, li l-kampjuni jkunu nkisbu skond il-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-konservazzjoni ta' l-ispeċi ikkonċernati; jew

(b) fil-każ ta' esportazzjoni minn pajjiż li mhux imsemmi fir-rigward ta' l-ispeċi kkonċernati fl-Anness C jew ta' riesportazzjoni minn xi pajjiż, l-applikant għandu jippreżenta permess ta' esportazzjoni, ċertifikat ta' riesportazzjoni jew ċertifikat ta' oriġini maħruġ skond il-Konvenzjoni minn awtorità tal-pajjiż esportatur jew riesportatur li tkun kompetenti għal dak il-għan.

4. L-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness D għandha tkun suġġett għat-twettiq tal-verifiki kollha meħtieġa u l-preżentazzjoni minn qabel ta' notifika ta' importazzjoni fl-uffiċċju doganali tal-fruntiera fil-post ta' l-introduzzjoni.

5. Il-kondizzjonijiet għal ħruġ ta' permess ta' importazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1(a) u (d) u fil-paragrafu 2(a), (b) u (c) m'għandhomx ikunu applikabbli għal kampjuni li dwarhom l-applikant ikun ta evidenza dokumentata:

(a) li kienu ġew introdotti legalment qabel fl-Unjoni jew li nkisbu fiha u li dawn huma, sew jekk immodifikati u anki jekk le, qegħdin jerġgħu jiddaħħlu mill-ġdid fl-Unjoni ; jew

(b) li jkunu kampjuni maħduma li nkisbu aktar minn 50 sena qabel.

6. ~~B'konsultazzjoni~~***Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa, wara konsultazzjoni*** mal-pajjiżi ~~ta' l-oriġini~~ ***tal-oriġini*** konċernati, u filwaqt li tkun ikkunsidrata kull opinjoni mill-Grupp ta' Reviżjoni Xjentifika, ~~il-Kummissjoni tista', permezz ta'~~***li tadotta*** atti ~~ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi~~ ***delegati bi qbil mal-Artikolu 20 li jistabbilixxi*** restrizzjonijiet ġenerali, jew restrizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti pajjiżi ta' oriġini, dwar l-introduzzjoni fl-Unjoni: **[Em. 3]**

(a) fuq il-bażi tal-kondizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1(a)(i) jew (e), ta' kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness A;

(b) fuq il-bażi tal-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(e) jew paragrafu 2(a), ta' kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness B; u

(c) ta' kampjuni ħajjin ta' speċi elenkati fl-Anness B li jkollhom rata għolja ta' mortalità waqt il-ġarr bil-baħar jew li dwarhom ikun ġie stabbilit li dawn aktarx ma jkampawx fil-magħluq għal proporzjon konsiderevoli tat-tul tal-ħajja potenzjali tagħhom; jew

(d) ta' kampjuni ħajjin ta' speċi li dwarhom ikun ġie stabbilit li l-introduzzjoni tagħhom fl-ambjent naturali fl-Unjoni toħloq theddida ekoloġika għall-ispeċi ta' fawna u flora salvaġġi li jkunu indiġeni għall- Unjoni .

~~L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-artikolu 21(2).~~ **[Em. 4]**

Il-Kummissjoni għandha fuq bażi ta' kull tlett xhur tippubblika lista ta' restrizzjonijiet stabbiliti skont l-ewwel subparagrafu, jekk ikun hemm, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

7. Fil-każijiet speċjali meta trasbord, trasferiment bl-ajru jew trasport bil-ferrovija jseħħu wara l-introduzzjoni fl-Unjoni , il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20 li jikkonċernaw l-għoti ta' derogi mit-twettiq tal-verifiki u l-preżentazzjonijiet ta' dokumenti ta' importazzjoni fl-uffiċċju doganali tal-fruntiera fil-post tal-introduzzjoni msemmijin fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu sabiex jippermettu li jsiru verifiki u preżentazzjonijiet bħal dawk f'uffiċċju doganali ieħor nominat skont l-Artikolu 12(1).

## Artikolu 5

### Esportazzjoni jew ri-esportazzjoni mill- Unjoni

1. L-esportazzjoni jew riesportazzjoni mill- Unjoni ta' kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness A għandhom ikunu suġġetti għat-twettiq tal-verifiki meħtieġa u l-preżentazzjoni minn qabel, fl-uffiċċju doganali li fihom ikunu saru l-formalitajiet ta' esportazzjoni, ta' permess ta' esportazzjoni jew ċertifikat ta' riesportazzjoni maħruġ minn awtorità amministrattiva ta' l-Istat Membru li fih jinsabu l-kampjuni.

2. Permess ta' esportazzjoni ta' kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness A jista' jinħareġ biss meta l-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu mħarsa:

(a) l-awtorità xjentifika kompetenti tkun avżat bil-miktub li l-qbid jew il-ġbir tal-kampjuni fl-ambjent naturali jew l-esportazzjoni tagħhom ma jkollux effett ħażin fuq l-istatus ta' konservazzjoni ta' l-ispeċi jew fuq il-medda territorjali okkupata mill-popolazzjoni relevanti ta' l-ispeċi;

(b) l-applikant jipproduċi evidenza dokumentata li l-kampjuni jkunu nkisbu skond il-leġislazzjoni fis-seħħ dwar il-protezzjoni ta' l-ispeċi in kwistjoni; meta l-applikazzjoni ssir lil Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' l-oriġini, evidenza dokumentata bħal din għandha tingħata permezz ta' ċertifikat li jgħid li l-kampjun kien ittieħed mill-ambjent naturali skond il-leġislazzjoni fis-seħħ fit-territorju tiegħu;

(c) l-awtorità amministrattiva tkun sodisfatta li:

(i) kull kampjun ħaj ikun imħejji u mibgħut bil-baħar b'mod li jnaqqaslu r-riskju ta' ħsara, dannu għas-saħħa jew trattament ħażin; u

(ii) – il-kampjuni ta' speċi mhux elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni ma jkunux sejrin jintużaw primarjament għal skopijiet kummerċjali, jew

– fil-każ ta' esportazzjoni lejn Stat li jkun Parti għall-Konvenzjoni ta' kampjuni ta' l-ispeċi msemmijin fl-Artikolu 3(1)(a) ta' dan ir-Regolament, permess ta' importazzjoni jkun inħareġ;

u

(d) l-awtorità amministrattiva ta' l-Istat Membru tkun sodisfatta, wara konsultazzjoni ma' l-awtorità xjentifika kompetenti, li ma jkunx hemm fatturi oħra li għandhom x'jaqsmu mal-konservazzjoni ta' l-ispeċi li jkunu opposti għall-ħruġ tal-permess ta' esportazzjoni.

3. Ċertifikat ta' riesportazzjoni jista' jinħareġ biss meta l-kondizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 2(c) u (d) ikunu tħarsu u meta l-applikant jipproduċi evidenza dokumentata li l-kampjuni:

(a) iddaħħlu fl-Unjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;

(b) jekk iddaħħlu fl-Unjoni qabel it-3 ta' Marzu 1997, kienu ddaħħlu skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3626/82[1]; jew jekk kienu ddaħħlu fl-Unjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament imma wara t-3 ta' Marzu 1997, kienu ddaħħlu fl-Unjoni skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 338/97; jew

(c) jekk iddaħħlu fl- Unjoni qabel l-1984, daħlu fil-kummerċ internazzjonali skond id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni; jew

(d) kienu ddaħħlu legalment fit-territorju ta' Stat Membru qabel ma d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti msemmijin f'(a) u (b) tal-Konvenzjoni kienu saru applikabbli għalihom, jew li jkunu saru applikabbli f'dak l-Istat Membru.

4. L-esportazzjoni jew riesportazzjoni mill- Unjoni ta' kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Annessi B u C għandhom ikunu suġġetti għat-twettiq tal-verifiki meħtieġa u l-preżentazzjoni minn qabel, fl-uffiċċju doganali li fih ikunu saru l-formalitajiet ta' l-esportazzjoni, ta' permess ta' esportazzjoni jew ċertifikat ta' riesportazzjoni maħruġ minn awtorità amministrattiva ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsabu l-kampjuni.

[1] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3626/82 tat-3 ta' Diċembru 1982 dwar l-implimentazzjoni fil-Komunità tal-Konvenzjoni dwar il-kummerċ internazzjonali fi speċi pperikolati ta' fawna u flora (ĠU L 384, 31.12.1982, p. 1).

Permess ta' esportazzjoni jista jinħareġ biss meta l-kondizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 2(a), (b), (c)(i) u (d) ikunu ġew imħarsa.

Ċertifikat ta' riesportazzjoni jista' jinħareġ biss meta l-kondizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 2(c)(i) u (d) u fil-paragrafu 3(a) sa (d) jkunu ġew imħarsa.

5. Meta applikazzjoni għal ċertifikat ta' riesportazzjoni tkun dwar kampjuni introdotti fl-Unjoni permezz ta' permess ta' importazzjoni maħruġ minn xi Stat Membru ieħor, l-awtorità amministrattiva għandha l-ewwel tikkonsulta mal-awtorità amministrattiva li tkun ħarġet il-permess. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20 li jikkonċernaw l-istabbiliment ta' proċeduri ta' konsultazzjoni u tal- każi li dwarhom tkun meħtieġa konsultazzjoni.

6. Il-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' permess ta' esportazzjoni jew ċertifikat ta' riesportazzjoni kif imsemmijin fil-paragrafu 2(a) u (c)(ii) m'għandhomx ikunu applikabbli għal:

(a) kampjuni maħduma li kienu nkisbu aktar minn 50 sena qabel; jew

(b) kampjuni mejta u partijiet u derivattivi minnhom li dwarhom l-applikant jipproduċi evidenza dokumentata li dawn kienu nkisbu legalment qabel ma d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament,  tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jew tar-Regolament (KEE) Nru 3626/82 jew tal-Konvenzjoni, kienu saru applikabbli għalihom.

7. L-awtorità xjentifika kompetenti ta' kull Stat Membru għandha timmonitorja l-ħruġ ta' permessi ta' esportazzjoni minn dak l-Istat Membru dwar kampjuni elenkati fl-Anness B u esportazzjonijiet attwali ta' dawk il-kampjuni. Kull meta awtorità xjentifika bħal din tiddeċiedi li l-esportazzjoni ta' kampjuni ta' xi speċi għandha tkun limitata sabiex dik l-ispeċi tinżamm fil-gruppi kollha tagħha f'livell konsistenti mar-rwol tagħha fl-ekosistema li tkun fiha, u 'l fuq sew mill-livell li fih dik l-ispeċi tista' tkun eliġibbli biex tkun inkluża fl-Anness A skond l-Artikolu 3(1)(a) jew (b)(i), l-awtorità xjtentifika għandha tagħti parir lill-awtorità amministrattiva kompetenti, bil-miktub, dwar miżuri xierqa li għandhom jittieħdu biex tillimita l-ħruġ ta' permessi għal kampjuni ta' dak l-ispeċi.

Kull meta awtorità amministrattiva tkun infurmata bil-miżuri msemmijin fl-ewwel subparagrafu, din għandha tinforma u tibgħat kummenti lill-Kummissjoni. Jekk xieraq,  il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tirrakkomanda restrizzjonijiet dwar esportazzjonijiet ta' l-ispeċi konċernata   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-artikolu 21(2).

Artikolu 6

Rifjut ta' applikazzjonijiet għal permessi u ċertifikati imsemmijin fl-Artikoli 4, 5 u 10

1. Meta Stat Membru jirrifjuta applikazzjoni għal permess jew ċertifikat f'każ sinifikattiv rigward l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, hu għandu immedjatament jinforma lill-Kummissjoni bir-rifjut u r-raġunijiet tar-rifjut.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni li tkun irċeviet skond il-paragrafu 1 lill-Istati Membri l-oħra sabiex tassigura li r-Regolament ikun applikat b'uniformità.

3. Meta ssir applikazzjoni għal permess jew ċertifikat li għandha x'taqsam mal-kampjuni li dwarhom applikazzjoni bħal din tkun ġiet miċħuda qabel, l-applikant għandu jinforma lill-awtorità kompetenti li jkun bagħtilha l-applikazzjoni dwar ir-rifjut ta' qabel.

4. Stati Membri għandhom jirrikonoxxu r-rifjut ta' applikazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra, meta rifjuti bħal dawn ikunu ibbażati fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Madankollu, l-ewwel subparagrafu m'għandux japplika bilfors meta ċ-ċirkostanzi jkunu nbidlu sinifikament jew meta evidenza ġdida ta' appoġġ għall-applikazzjoni tkun saret disponibbli. F'każi bħal dawn, jekk l-awtorità amministrattiva toħroġ permess jew ċertifikat, għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar dan, u tagħti r-raġunijiet għall-ħruġ.

Artikolu 7

Derogi

1. Kampjuni mwielda u mrobbija fil-magħluq jew imnissla artifiċjalment

Ħlief meta l-Artikolu 8 ikun applikabbli, kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness A li kienu twieldu u trabbew fil-magħluq jew tnisslu artifiċjalment għandhom ikunu ttrattati skond id-dispożizzjonijiet applikabbli għal kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness B.

Fil-każ ta' pjanti mnissla artifiċjalment, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 u 5 jistgħu jitwarrbu taħt kundizzjonijiet speċjali.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li taddotta atti delegati skont l-Artikolu 20 dwar:

(a) il-kriterji biex ikun determinat jekk kampjun ikunx twieled jew trabba fil-magħluq jew jekk ikunx tnissel artifiċjalment u jekk huwiex għal għanijiet kummerċjali;

(b) il-kundizzjonijiet speċjali msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu li jikkonċernaw:

   (i) l-użu ta' ċertifikati fitosanitarji;

   (ii) negozju minn negozjanti kummerċjali reġistrati u mill-istituzzjonijiet xjentifiċi msemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu; u

   (iii) negozju f'ibridi.

2. Transitu

B'deroga mill-Artikolu 4, meta kampjun ikun fi transitu fl-Unjoni , verifiki u preżentazzjoni fl-uffiċċju doganali tal-fruntiera fil-post ta' l-introduzzjoni preskritt fuq il-permessi, ċertifikati u notifiki m'għandhomx ikunu meħtieġa.

Fil-każ ta' l-ispeċi elenkati fl-Annessi skond l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 3(2)(a) u (b), id-deroga msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tkun applikabbli biss meta dokument validu ta' esportazzjoni jew riesportazzjoni li hemm dispożizzjoni dwaru mill-Konvenzjoni, li għandu x'jaqsam ma kampjuni li jkunu flimkien miegħu u li jispeċifika d-destinazzjoni tal-kampjuni, ikun inħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz esportatur jew riesportatur.

Jekk id-dokument imsemmi fit-tieni subparagrafu ma jkunx inħareġ qabel l-esportazzjoni jew ri-esportazzjoni, il-kampjun għandu jinqabad u jista', fejn applikabbli, jiġi kkonfiskat sakemm id-dokument ma jintbgħatx retrospettivament bi qbil mal-kundizzjonijiet specjali.

3. Oġġetti personali jew domestiċi

B’deroga mill-Artikoli 4 u 5, id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-Artikoli m’għandhomx ikunu applikabbli għal kampjuni mejta, partijiet u derivattivi ta’ speċi msemmija fl-Annessi A sa D li jkunu oġġetti personali jew domestiċi li jkunu qed jiddaħħlu fl-Unjoni , jew esportati jew ri-esportati mill-Unjoni, b'konformità ma' dispożizzjonijiet specjali

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li taddotta atti delegati skont l-Artikolu 20 dwar dispożizzjonijiet specjali rigward l-introduzzjoni, l-esportazzjoni jew ir-ri-esportazzjoni ta' effetti personali jew tad-dar.

4. Istituzzjonijiet xjentifiċi

Id-dokumenti msemmijin fl-Artikoli 4, 5, 8 u 9 m'għandhomx ikunu meħtieġa fil-każ ta' self mhux kummerċjali, donazzjonijiet u skambji bejn xjenzjati u istituzzjonijiet xjentifċi, reġistrati mill-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati li fihom ikunu jinsabu, ta' kampjuni ta' erbarju u kampjuni oħra priżervati, imnixxfa jew kampjuni mwaħħlin f'mużewijiet, u ta' materjal ħaj ta' pjanti, li jkollu tikketta, li l-mudell tagħha kien ġie stabbilit skont it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu jew tikketta simili maħruġa jew approvata mill-awtorità amministrattiva ta' pajjiż terz.

Il-Kummissjoni ghandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi mudell ghal tikketta ghal materjal haj tal-pjanti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni ghandhom jigu adottati skont il-procedura ta' ezami imsemmija fl-Artikolu 21(2).

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontroll ta' attivitajiet kummerċjali

1. Ix-xiri, l-offerta għax-xiri, il-ksib għal għanijiet kummerċjali, il-wiri fil-pubbliku għal skopijiet kummerċjali, l-użu għal qliegħ u l-bejgħ kummerċjali, iż-żamma għall-bejgħ, l-offerta għal bejgħ jew it-trasport għal bejgħ ta' kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness A għandu jkun projbit.

2. Stati Membri jistgħu jipprojbixxu li wieħed iżomm kampjuni, partikolarment ta' annimali ħajjin ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness A.

3. Skond il-ħtiġijiet ta' leġislazzjoni oħra tal- Unjoni dwar il-konservazzjoni ta' fawna u flora salvaġġi, eżenzjoni mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 tista' tingħata bil-ħruġ ta' ċertifikat għal dak l-iskop mill-awtorità amministrattiva ta' l-Istat Membru li fih ikunu jinsabu l-kampjuni, fuq il-bażi ta' każ għal każ meta l-kampjuni:

(a) kienu nkisbu jew iddaħħlu fl-Unjoni qabel ma d-dispożizzjonijiet dwar l-ispeċi elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni jew fl-Anness C1 tar-Regolament (KEE) Nru 3626/82 jew fl-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 338/97 jew ta' dan ir-Regolament , kienu saru applikabbli għall-kampjuni; jew

(b) huma kampjuni maħduma li kienu nkisbu aktar minn 50 sena qabel; jew

(c) kienu ġew introdotti fl-Unjoni skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jew ta' dan ir-Regolament u li ser ikunu użati għal skopijiet li mhumiex detrimentali għas-sopravivenza ta' l-ispeċi kkonċernati; jew

(d) kienu kampjuni li twieldu u trabbew fil-magħluq ta' speċi ta' annimali jew kampjuni ta' speċi mnisslin artifiċjalment jew partijiet jew derivattivi ta' kampjuni bħal dawk; jew

(e) ikunu meħtieġa f'ċirkostanzi eċċezzjonali għall-progress tax-xjenza jew għal skopijiet bijomediċi essenzjali skond id-Direttiva tal-Kunsill 86/609/KEE[1] meta l-ispeċi in kwistjoni turi li tkun l-unika waħda addattata għal dawk l-għanijiet u meta ma jkunx hemm kampjuni ta' l-ispeċi li jkunu twieldu u trabbew fil-magħluq; jew

[1] Direttiva tal-Kunsill 86/609/KEE tal-24 ta' Novembru 1986 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-annimali użati għal għanijiet sperimentali u għanijiet oħra xjentifiċi (ĠU L 358, 18.12.1986, p. 1).

(f) ikunu maħsuba għal għanijiet ta' trobbija jew tnissil li bihom jiżdiedu l-benefiċċji ta' konservazzjoni għall-ispeċi kkonċernati; jew

(g) ikunu maħsuba għal riċerka jew edukazzjoni immirata lejn il-priservazzjoni jew konservazzjoni ta' l-ispeċi; jew

(h) joriġinaw fi Stat Membru u jkunu ttieħdu mill-ambjent naturali skond il-leġislazzjoni fis-seħħ ta' dak l-Istat Membru.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20 dwar derogi ġenerali mill-projbizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ibbażati fuq il-kundizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 3, kif ukoll derogi ġenerali dwar speċi elenkati fl-Anness A skont il-punt (ii) tal-Artikolu 3(1)(b) . Tali derogi għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti ta’ legizlazzjoni tal-Unjoni oħra dwar il-konservazzjoni ta’ fawna u flora salvaġġi.

5. Il-projbizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ukoll ikunu applikabbli għal kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness B ħlief meta jkun jista’ jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat li dawk il-kampjuni kienu nkisbu u, jekk kienu joriġinaw minn barra l-Unjoni , li kienu ġew introdotti fiha, skond il-leġislazzjoni fis-seħħ dwar il-konservazzjoni ta' fawna u flora salvaġġi.

6. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandu jkollhom id-diskrezzjoni li jbiegħu kull kampjun ta' l-ispeċi elenkati fl-Annessi B, C u D li jkunu kkonfiskaw permezz ta' dan ir-Regolament, basta li b'hekk ma jerġax ikun mogħti lura lil dik il-persuna jew entità li minn għandha jkun ġie kkonfiskat jew li kienet parti fl-offiża. Kampjuni bħal dawn jistgħu imbgħad ikunu kkunsidrati għall-għanijiet kollha bħallikieku kienu nkisbu legalment.

Artikolu 9

Moviment ta' kampjuni ħajjin

1. Kull moviment fl-Unjoni ta' kampjuni ħajjin ta' xi speċi elenkati fl-Anness A mill-post indikat fil-permess ta' importazzjoni jew f'kull ċertifikat maħruġ skond dan ir-Regolament għandu jkun jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel ta' awtorità ta' amministrattiva ta' l-Istat Membru li l-kampjun ikun jinsab fih. F'każi oħra ta' moviment, il-persuna responsabbli għall-moviment tal-kampjun għandha tkun tista', meta applikabbli, tipproduċi prova ta' l-oriġini legali tal-kampjun.

2. Awtorizzazzjoni bħal din għandha:

(a) tingħata biss meta l-awtorità xjentifika kompetenti ta' dak l-Istat Membru jew, meta l-moviment ikun lejn Stat Membru ieħor, l-awtorità xjentifika kompetenti ta' dan ta' l-aħħar, tkun sodisfatta li fejn se jinżamm il-kampjun ħaj fil-post destinatarju jkun mgħammar kif xieraq biex ikun ikkonservat u biex jingħata l-kura meħtieġa;

(b) tkun ikkonfermata bil-ħruġ ta' ċertifikat; u

(c) meta applikabbli, tkun immedjetament ikkomunikata lil xi awtorità amministrattiva ta' l-Istat Membru li l-kampjun ikun jinsab fih.

3. Madankollu, l-ebda awtorizzazzjoni bħal din m'għandha tkun meħtieġa jekk annimal ħaj ikun hemm bżonn li jiġi mċaqlaq għal skopijiet urġenti ta' trattament veterinarju u jkun mibgħut lura direttament lejn il-post awtorizzat tiegħu.

4. Meta kampjun ħaj ta' speċi elenkata fl-Anness B jiġi mċaqlaq fl-Unjoni , id-detentur tal-kampjun jista' jitilqu biss wara li jassigura li min ser jirċevih ikun infurmat adegwatament bl-akkomodazzjoni, tagħmir u prattiċi meħtieġa biex ikun żgurat li l-kampjun ikun imħares kif xieraq.

5. Meta xi kampjuni ħajjin jinġarru lejn, minn jew fl-Unjoni jew ikunu miżmuma għal xi perjodu ta' transitu jew trasbord, dawn għandhom ikunu tħejjew, imċaqalqa u mogħtija lura b'mod li jnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' ħsara, dannu għas-saħħa jew trattament ħażin u, fil-każ ta' annimali, skond il-leġislazzjoni tal- Unjoni dwar il-protezzjoni ta' annimali waqt it-trasport.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20 dwar restrizzjonijiet dwar iż-żamma jew il-moviment ta' kampjuni ħajjin ta' speċi li fir-rigward tagħhom ir-restrizzjonijiet dwar l-introduzzjoni fl-Unjoni jkunu ġew stabbiliti skont l-Artikolu 4(6).

Artikolu 10

***Permessi, notifiki u ċ**ertifikati li għandhom jinħarġu* **[Em. 5]**

***1.*** Meta tirċievi applikazzjoni, flimkien mad-dokumenti rekwiżiti ta' appoġġ, mill-persuna konċernata u sakemm il-kondizzjonijiet kollha li jirregolaw il-ħruġ tagħhom ikunu ġew imħarsa, awtorità amministrattiva ta' Stat Membru tista' toħroġ ċertifikat għall-għanijiet imsemmijin fl-Artikolu 5(2)(b), l-Artikolu 5(3) u (4), l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 9(2)(b).

***1a.*** ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina d-disinn taċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' implimentazzjoni imsemmija fl-Artikolu 21(2).*** **[Em. 6]**

1b. *Kif jiġu rċevuti l-applikazzjoni u d-dokumenti rekwiżiti ta' appoġġ mill-persuna kkonċernata u sakemm ir-rekwiżiti kollha għall-ħruġ tagħhom ikunu ġew sodisfatti, l-awtorità amministrattiva ta' Stat Membru tista' toħroġ permess għar-raġunijiet tal-Artikolu 4(1) u (2) u l-Artikolu 5(1) u (4).* **[Em. 7]**

1c. *Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina d-disinn tal-permess imsemmi fil-paragrafu 1b. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).* **[Em. 8]**

1d. *Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina d-disinn tan-notifika ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(3) u (4). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).* **[Em. 9]**

Artikolu 11

Validità u kondizzjonijiet speċjali għal permessi u ċertifikati

1. Bla ħsara għal miżuri aktar stretti li l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ, permessi u ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri skond dan ir-Regolament għandhom ikunu validi fl-Unjoni kollha.

2. Permess jew ċertifikat bħal dan, kif ukoll xi permess jew ċertifikat maħruġ fuq il-bażi tiegħu, għandu jkun meqjus li ma jiswiex jekk l-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni, b'konsultazzjoni ma' l-awtorità kompetenti li tkun ħarġet il-permess jew iċ-ċertifikat, tistabbilixxi li dan kien maħruġ fuq il-premessa falza li l-kondizzjonijiet għal-ħruġ tiegħu kienu ġew imħarsa.

Kampjuni li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru u koperti b'dokumenti bħal dawn għandom jiġu maqbuda mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru u jistgħu jkunu kkonfiskati.

3. Kull permess jew ċertifikat maħruġ skond dan ir-Regolament jista' jistipula kondizzjonijiet u ħtiġijiet imposti mill-awtorità tal-ħruġ biex tkun assigurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu. Meta kondizzjonijiet jew ħtiġijiet bħal dawn ikun hemm il-bżonn li jiġu inkorporati fid-disinn tal-permessi jew ċertifikati, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.

4. Kull permess ta' importazzjoni maħruġ fuq il-bażi ta' kopja ta' permess ta' l-esportazzjoni korrispondenti jew ta' ċertifikat ta' riesportazzjoni għandu jkun validu għall-introduzzjoni ta' kampjuni fl-Unjoni biss meta jkollu miegħu l-oriġinal tal-permess validu ta' esportazzjoni jew taċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20 dwar l-limiti ta' żmien għall-ħruġ tal-permess u ċ-ċertifikati.

Artikolu 12

Postijiet ta' introduzzjoni u esportazzjoni

1. Stati Membri għandhom jinnominaw l-uffiċċji doganali għat-twettiq tal-verifiki u l-formalitajiet għall-introduzzjoni fil- u l-esportazzjoni mill- Unjoni, sabiex jingħatalhom trattament jew użu approvat mid-dwana, fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, ta' kampjuni ta' speċi koperti b'dan ir-Regolament u għandhom jgħidu liema uffiċċji jkunu speċifikament maħsuba biex jieħdu ħsieb kampjuni ħajjin.

2. L-uffiċji kollha nominati skond il-paragrafu 1 għandhom ikunu provduti b'numru suffiċjenti ta' persunal adegwatament imħarrġa. Stati Membri għandhom jassiguraw li l-akkomodazzjoni tkun provduta skond il-leġislazzjoni relevanti tal- Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport u l-akkomodazzjoni ta' annimali ħajjin u li, fejn meħtieġ, passi adegwati jittieħdu dwar pjanti ħajjin.

3. L-uffiċċji kollha nominati skond il-paragrafu 1 għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni li għandha tippubblika lista tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

4. F'każi eċċezzjonali u skont kriterji speċjali , awtorità amministrattiva tista' tawtorizza l-introduzzjoni fl-Unjoni jew l-esportazzjoni jew ri-esportazzjoni minnha f'uffiċċju doganali barra minn dak nominat skont il-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li taddotta atti delegati skont l-Artikolu 20 dwar il-kriterji speċjali li skonthom, jistgħu jiġu awtorizzati l-introduzzjoni, l-esportazzjoni jew ir-ri-esportazzjoni f'uffiċċju ieħor doganali.

5. Stati Membri għandhom jassiguraw li fil-postijiet minn fejn tinqasam il-fruntiera, il-pubbliku jkun infurmat bid-dispożizzjonijiet adottati skont dan ir-Regolament.

Artikolu 13

Awtoritajiet amministrattivi u xjentifiċi u awtoritajiet kompetenti oħra

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità amministrattiva b'risponsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u għal komunikazzjoni mal-Kummissjoni.

Kull Stat Membru jista' wkoll jinnomina awtoritajiet amministrattivi oħra u awtoritajiet kompetenti oħra biex jgħinu fl-implimentazzjoni, f'liema każ l-awtorità amministrattiva primarja għandha tkun responsabbli biex tipprovdi lil-awtoritajiet addizzjonali bl-informazzjoni kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tajba ta' dan ir-Regolament.

2. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità xjentifika waħda jew aktar bi kwalifiki xierqa li d-doveri tagħhom għandhom ikunu separati minn dawk ta' kull awtorità amministrattiva innominata.

3. Mhux aktar tard mit-3 ta' Marzu 1997 Stati Membri għandhom jibagħtu l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet amministrattivi innominati, ta' xi awtoritajiet oħra kompetenti biex joħorġu permessi jew ċertifikati u ta' awtoritajiet xjentifiċi lill-Kummissjoni, li għandha tippubblika din l-informazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Kull awtorità amministrattiva msemmija fl-ewwel subparagrafu tal- paragrafu 1 għandha, jekk tkun mitluba mill-Kummissjoni, tikkomunikalha fi żmien xahrejn l-ismijiet u kampjuni tal-firem tal-persuni awtorizzati li jiffirmaw il-permessi jew ċertifikati, u impressjonijiet tat-timbri, siġilli jew meżżi oħra użati biex jawtentikaw il-permessi jew ċertifikati.

Stati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull tibdiliet fl-informazzjoni diġà mogħtija, mhux aktar tard minn xahrejn wara l-implimentazzjoni ta' tibdil bħal dan.

Artikolu 14

Monitoraġġ dwar konformità u investigazzjonijiet ta' ksur ta' regolamenti

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw il-ħarsien tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Jekk, f'xi żmien, l-awtoritajiet kompetenti jkollhom għaliex jemmnu li dawn id-dispożizzjonijiet ikunu qegħdin jiġu miksura, għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jassiguraw konformità jew biex jieħdu azzjoni legali.

Stati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u, fil-każ ta' speċi elenkati fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni, lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni, dwar xi passi meħuda mill-awtoritajiet kompetenti f'dak li għandu x'jaqsam ma’ ksur sinifikanti ta' dan ir-Regolament, inklużi qbid u konfiski.

2. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri dwar materji li għalihom tħoss il-ħtieġa ta' investigazzjoni skond dan ir-Regolament. Stati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u, fil-każ ta' speċi elenkati fl-Appendiċi għall-Konvenzjoni, lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni, bir-riżultat ta' xi investigazzjoni sussegwenti.

3. Grupp ta' infurzar għandu jkun stabbilit li jkun jikkonsisti f'rappreżentanti ta' l-awtoritajiet ta' kull Stat Membru b'responsabbiltà biex jassiguraw l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Il-grupp għandu jkun taħt il-presidenza tar-rappreżentant tal-Kummissjoni.

Il-grupp ta' infurzar għandu jeżamina kull kwistjoni teknika li għandha x'taqsam ma' l-infurzar ta' dan ir-Regolament li titqajjem mill-president, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tal-membri tal-grupp jew tal-kumitat.

Il-Kummissjoni għandha twassal l-opinjonijiet espressi fil-grupp ta' infurzar lill-kumitat.

Artikolu 15

Komunikazzjoni ta' informazzjoni

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-pubbliku jsir jaf u biex jinfurmawh bid-dispożizzjonijiet rigward l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u ta' dan ir-Regolament u dwar il-miżuri adottati skont dan ir-Regolament .

2. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika mas-Segretarjat tal-Konvenzjoni sabiex tassigura li l-Konvenzjoni tkun implimentata effettivament fit-territorju kollu li għalih japplika dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika minnufih kwalunkwe parir mill-Grupp tar-Reviżjoni Xjentifika lill-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri konċernati.

4. L-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni qabel il-15 ta' Ġunju ta' kull sena l-informazzjoni kollha dwar is-sena ta' qabel li tkun meħtieġa għat-tħejjija tar-rapporti msemmijin fl-Artikolu VIII.7(a) tal-Konvenzjoni u informazzjoni ekwivalenti dwar kummerċ internazzjonali tal-kampjuni kollha ta' l-ispeċi elenkati fl-Annessi A, B u C u dwar l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness D. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika l-informazzjoni li għandha tkun ikkomunikata u l-format tal-preżentazzjoni tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' implimentazzjoni imsemmija fl-Artikolu 21(2).

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tippubblika qabel il-31 ta' Ottubru ta' kull sena rapport statistiku dwar l-introduzzjoni fil-, u l-esportazzjoni u r-riesportazzjoni mill- Unjoni ta' kampjuni ta' l-ispeċi li għalihom japplika dan ir-Regolament u għandha tgħaddi lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni informazzjoni dwar l-ispeċi li l-Konvenzjoni tapplika għalihom.

Bla ħsara għall-Artikolu 22, l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri għandhom, qabel il-15 ta' Ġunju ta' kull tieni sena, u għall-ewwel darba fl-1999, jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li għandha x'taqsam mas-sentejn preċedenti li tkun meħtieġa biex jitħejjew ir-rapporti msemmijin fl-Artikolu VIII.7(b) tal-Konvenzjoni u informazzjoni ekwivalenti dwar id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li huma barra mill-iskop tal-Konvenzjoni. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika l-informazzjoni li għandha tkun ikkomunikata u l-format tal-preżentazzjoni tagħha . Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' implimentazzjoni imsemmija fl-Artikolu 21(2).

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu, il-Kummissjoni għandha, qabel il-31 ta' Ottubru ta' kull tieni sena, u għall-ewwel darba fl-1999, tħejji rapport dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

5. Bil-għan tat-tħejjija ta' emendi għall-Annessi, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jgħaddu l-informazzjoni relevanti kollha lill-Kummissjoni. Il-Kumissjoni għandha tispeċifika l-informazzjoni kollha meħtieġa, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' implimentazzjoni imsemmija fl-Artikolu 21(2).

6. Skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/4/KE [1], il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tipproteġi l-konfidenzjalità ta' informazzjoni miksuba fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 16

## Sanzjonijiet

1. Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jassiguraw l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet mill-anqas dwar il-ksur li ġej ta' dan ir-Regolament:

(a) l-introduzzjoni fil-, jew l-esportazzjoni jew ir-riesportazzjoni mill- Unjoni ta' kampjuni mingħajr il-permess jew ċertifikat indikat jew b'xi permess jew ċertifikat falz, iffalzifikat jew invalidu jew wieħed li jkun alterat mingħajr awtorizzazzjoni ta' l-awtorità tal-ħruġ;

(b) nuqqas ta' konformità ma' l-istipulazzjonijiet speċifikati fuq xi permess jew ċertifikat maħruġ skond dan ir-Regolament;

(c) dikjarazzjoni falza jew l-għoti b'qerq ta' informazzjoni falza għall-ksib ta' permess jew ċertifikat;

---

1 Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

(d) l-użu ta' permess jew ċertifikat falz, iffalzifikat jew invalidu jew wieħed li jkun alterat mingħajr awtorizzazzjoni bħala bażi għall-ksib ta' permess jew ċertifikat tal- Unjoni jew għal xi skop uffiċjali ieħor b'konnessjoni ma' dan ir-Regolament;

(e) nuqqas li ssir notifika ta' importazzjoni jew li ssir notifika falza ta' importazzjoni;

(f) tagħbija bil-baħar ta' kampjuni ħajjin li ma jkunux imħejjija kif xieraq biex jitnaqqsu r-riskji ta' ħsara, id-dannu għas-saħħa jew trattament ħażin;

(g) l-użu ta' kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness A li mhux skond l-awtorizzazzjoni mogħtija waqt il-ħruġ tal-permess ta' importazzjoni jew sussegwentament;

(h) in-negozju fi pjanti mnisslin artifiċjalment kuntrarju għad-dispożizzjonijiet preskritti skond it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1);

(i) tagħbija ta' kampjuni fi, jew 'il barra minn, jew fi transitu fit-territorju tal- Unjoni mingħajr il-permess jew ċertifikat meħtieġ maħruġ skond dan ir-Regolament u, fil-każ ta' esportazzjoni jew riesportazzjoni minn pajjiż terz Parti għall-Konvenzjoni, skond dan, jew mingħajr prova sodisfaċenti dwar l-eżistenza ta' permess jew ċertifikat bħal dak;

(j) ix-xiri, l-offerta għax-xiri, il-ksib għal skopijiet kummerċjali, l-użu għal qliegħ kummerċjali, il-wiri fil-pubbliku għal skopijiet kummerċjali, il-bejgħ, iż-żamma għall-bejgħ, l-offerta għal bejgħ jew it-trasport għal bejgħ ta' kampjuni b'kontravenzjoni ta' l-Artikolu 8;

(k) l-użu ta' permess jew ċertifikat għal xi kampjun għajr dak li għalih ikun inħareġ;

(l) il-falsifikazzjoni jew alterazzjoni ta' xi permess jew ċertifikat maħruġ skond dan ir-Regolament;

(m) in-nuqqas li jkun dikjarat ir-rifjut ta' applikazzjoni għal permess jew ċertifikat ta' importazzjoni fi, jew esportazzjoni jew riesportazzjoni mill-Unjoni , skond l-Artikolu 6(3).

2. Il-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1 għandhomn jixirqu lin-natura u l-gravità tal-ksur u għandhom jinkludu dispożizzjonijiet rgward il-qbid u, fejn xieraq, il-konfiska tal-kampjuni.

3. Meta kampjun ikun ikkonfiskat, dan għandu jitħalla f'idejn l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tal-konfiska li:

(a) wara konsultazzjoni ma' l-awtorità xjentifika ta' dak l-Istat Membru, għandu jqiegħed jew b'mod ieħor jiddisponi minn kampjun taħt kondizzjonijiet li hu jħoss li jkunu xierqa u konsistenti ma' l-iskopijiet u d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u ta' dan ir-Regolament; u

(b) fil-każ ta' kampjun ħaj li jkun ġie introdott fl-Unjoni , jista', wara konsultazzjoni ma' l-Istat esportatur, jibgħat il-kampjun lura lejn dak l-Istat spejjeż tal-persuna misjuba ħatja.

4. Meta kampjun ħaj ta' speċi elenkata fl-Anness B jew C jasal fil-post ta' l-introduzzjoni fl-Unjoni mingħajr il-permess jew ċertifikat validu kif meħtieġ, il-kampjun għandu jinqabad u jista jkun ikkonfiskat jew, jekk il-kunsinnatarju jirrifjuta li jaċċetta l-kampjun, l-awtortajiet kompetenti ta' l-Istat Membru responsabbli għall-post ta' l-introduzzjoni jista', jekk ikun il-każ, jirrifjuta li jaċċetta l-konsenja u jobbliga lil min iġorr biex jieħu lura l-kampjun lejn il-post mnejn telqu.

Artikolu 17

Il-Grupp ta' Reviżjoni Xjentifika

1. Grupp ta' Reviżjoni Xjentifika huwa hawnhekk stabbilit, li jikkonsisti f'rappreżentanti ta' l-awtorità jew awtoritajiet xjentifiċi ta' kull Stat Membru u taħt il-presidenza tar-rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Il-Grupp ta' Reviżjoni Xjentifika għandu jeżamina kull kwistjoni xjentifika li għandha x'taqsam ma' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament — partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Artikolu 4(1)(a), (2)(a) u (6) — li jitqajmu mill-president, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tal-membri tal-Grupp jew tal-Kumitat.

3. Il-Kummissjoni għandha twassal l-opinjonijiet espressi fil-Grupp ta' Reviżjoni Xjentifika lill-Kumitat.

## Artikolu 18

## Iktar setgħat delegati

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta, fejn meħtieġ, atti delegati skont l-Artikolu 20 rigward il-kundizzjonijiet u kriterji uniformi għal:

   (a) il-ħruġ, validita' u l-użu tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4, Artikolu 5, Artikolu 7(4), u l-Artikolu 10;

   (b) l-użu taċ-ċertifikati fitosanitarji msemmija fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1);

   (c) l-istabbiliment ta' proċeduri, fejn meħtieġ, sabiex jiġu mmarkati kampjuni għall-identifikazzjoni ħafifa u l-iżgurar ta' infurzar tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta, fejn meħtieġ, atti delegati skont l-Artikolu 20 rigward miżuri addizjonali biex jiġu implimentati riżoluzzjonijiet tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konferenza, deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni u rakkomandazzjonijiet tas-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20 għall-fini li temenda l-Annessi A sa D, ħlief fil-każ ta' emendi għall-Anness A li ma jirriżultawx minn deċiżjonijiet tal-Konferenza tal-Partiijiet għall-Konvenzjoni.

~~Artikolu 19~~

~~Iktar miżuri ta' implimentazzjoni~~

~~1. Il-Kummissjoni għandha permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina d-disinn tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4, Artikolu 5, Artikolu 7(4) u l-Artikolu 10 . Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' implimentazzjoni imsemmija fl-Artikolu 21(2).~~

~~2. Il-Kummissjoni għandha permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tippreskrivi formola għall-preżentazzjoni tan-notifika tal-importazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).~~ **[Em. 10]**

Artikolu 20

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu ***4(6),*** 4(7), Artikolu 5(5), Artikolu 7(1), (2) u (3), Artikolu 8(4), Artikolu 9(6), Artikolu 11(5), Artikolu 12(4) u Artikolu 18(1), (2) u (3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu indeterminat ta' żmien minn [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku jew minn kwalunkwe data oħra stipulata mil-leġiżlatur]. **[Em. 11]**

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu ***4(6),*** 4(7), Artikolu 5(5), Artikolu 7(1), (2) u (3), Artikolu 8(4), Artikolu 9(6), Artikolu 11(5), Artikolu 12(4) u Artikolu 18(1), (2) u (3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ. **[Em. 12]**

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu ***4(6),*** 4(7), Artikolu 5(5), Artikolu 7(1), (2) u (3), Artikolu 8(4), Artikolu 9(6), Artikolu 11(5), Artikolu 12(4) u Artikolu 18(1), (2) u (3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b' [xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. **[Em. 13]**

Artikolu 21

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat li għandu jissejjaħ il-Kumitat dwar in-Negozju fil-Flora u fil-Fawna. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandha tapplika.

Artikolu 22

Dispożizzjonijiet Finali

Kull Stat Membri għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni bid-dispożizzjonijiet li hu jadotta speċifikament għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-istrumenti legali kollha użati u l-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 23

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 338/97 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness III.

Artikolu 24

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

- Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

- Magħmul fi ...,

- *Għall-Parlament Ewropew* *Għall-Kunsill*

- *Il-President* *Il-President*

## (a) ANNESS I

***Noti dwar l-interpretazzjoni tal-Annessi A, B, C u D***

1. L-ispeċijiet inklużi fl-Annessi A, B, C u D jissemmew:

   (a) bl-isem tal-ispeċi; jew

   (b) bħala li jkunu l-ispeċijiet kollha inklużi fi grupp tassonomiku ogħla jew parti denominata minnu.

2. It-taqsira 'spp.' tintuża sabiex tindika l-ispeċijiet kollha ta' grupp tassonomiku ogħla.

3. Referenzi oħrajn għal gruppi tassonomiċi ogħla mill-ispeċi huma għall-għanijiet ta' tagħrif jew ta' klassifika biss.

4. L-ispeċijiet stampati b'tipi grassi fl-Anness A huma elenkati hemm b'konsistenza mal-protezzjoni tagħhom kif ipprovdut bid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jew id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[2].

5. It-taqsiriet li ġejjin jintużaw għall-gruppi tassonomiċi tal-pjanti taħt il-livell ta' speċi:

   (a) 'ssp.' tintuża sabiex tindika sottospeċi;

   (b) 'var(s)' tintuża sabiex tindika varjetà (varjetajiet); u

   (c) 'fa' tintuża sabiex tindika forma.

6. Is-simboli '(I)', '(II)' u '(III)' imqiegħda mal-isem ta' speċi jew grupp tassonomiku ogħla jirreferu għall-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni fejn l-ispeċijiet ikkonċernati huma elenkati kif indikat fin-noti 7 sa 9. Meta ma tidher l-ebda waħda minn dawn l-annotazzjonijiet, l-ispeċijiet ikkonċernati ma jkunux elenkati fl-Appendiċijiet għall-Konvenzjoni.

---

1 Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

2 Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

7. (I) ma' isem ta' speċi jew ta' grupp tassonomiku ogħla jindika illi l-ispeċi jew il-grupp tassonomiku kkonċernat huwa inkluż fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni.

8. (II) mal-isem ta' speċi jew ta' grupp tassonomiku ogħla jindika li l-ispeċi jew il-grupp tassonomiku ikkonċernat huwa inkluż fl-Appendiċi II għall-Konvenzjoni.

9. (III) mal-isem ta' speċi jew ta' grupp tassonomiku ogħla jindika li huwa inkluż fl-Appendiċi III għall-Konvenzjoni. F'dan il-każ, jiġi indikat ukoll il-pajjiż li fir-rigward tiegħu huma inklużi fl-Appendiċi III l-ispeċi jew il-grupp tassonomiku ogħla.

10. 'Kultivar' tfiser, b'segwitu għad-definizzjoni fit-8 edizzjoni tal-*International Code of Nomenclature for Cultivated Plants*, grupp ta' pjanti li (a) ingħażlu minħabba karattru jew tagħqida ta' karattri partikolari, (b) huwa distint, uniformi u stabbli f'dawn il-karatteristiċi, u (c) meta ppropagat b'mezzi xierqa, iżomm dawk il-karatteristiċi.

11. L-ibridi jistgħu jiġu inklużi speċifikament fl-Appendiċijiet, iżda biss jekk ikunu ġejjin minn popolazzjonijiet distinti u stabbli fil-ħajja selvaġġa. L-annimali ibridi li, fl-erba' ġenerazzjonijiet ta' qabel fil-linja tan-nisel tagħhom, għandhom eżemplar wieħed jew aktar tal-ispeċijiet inklużi fl-Anness A jew B, għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament daqs li kieku ma kinux ibridi, anke jekk l-ibridu kkonċernat ma jkunx inkluż speċifikament fl-Annessi.

12. Meta xi speċi tkun inkluża fl-Anness A, B jew C, il-partijiet kollha u d-derivati tal-ispeċi jiġu inklużi wkoll fl-istess Anness, għajr fil-każ meta l-ispeċi tkun annotata b'indikazzjoni li huma inklużi biss partijiet u derivati speċifiċi. Skond l-Artikolu 2(t) ta' dan ir-Regolament, is-simbolu '#' segwit minn numru mqiegħed mal-isem ta' speċi jew grupp tassonomiku ogħla fl-Annessi B jew C jiddenomina partijiet jew derivati, li huma speċifikati fir-rigward tagħhom għall-għanijiet tar-Regolament kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| #1 | | Jiddenomina l-partijiet u d-derivati kollha, għajr għal:<br><br>(a) żrieragħ, spori u għabra tad-dakra (inkluż l-pollinja);<br><br>(b) kulturi ta' nebbieta jew ta' tessuti tal-pjanti miksuba *in vitro*, f'midja solida jew likwida, ittrasportati f'kontenituri sterili; |

| | | |
|---|---|---|
| | | (c) il-fjuri maqtugħa tal-pjanti ppropagati b'mod artifiċjali; u<br><br>(d) il-frott u l-partijiet u d-derivati tagħhom, ta’ pjanti tal-ġeneru *Vanilla* ppropagati artifiċjalment. |
| #2 | | Jiddenomina l-partijiet u d-derivati kollha, għajr għal:<br><br>(a) żrieragħ u għabra tad-dakra; u<br><br>(b) prodotti lesti, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut. |
| #3 | | Jiddenomina għeruq sħaħ jew miflula u partijiet ta’ għeruq. |
| #4 | | Jiddenomina l-partijiet u d-derivati kollha, għajr għal:<br><br>(a) żrieragħ (inkluż il-kapsoli taż-żrieragħ tal-Orchidaceae), spori u għabra tad-dakra (inkluż il-pollinja). L-eżenzjoni ma tapplikax għal żrieragħ mill-Cactaceae spp. esportati mill-Messiku, u għaż-żrieragħ mill-*Beccariophoenix madagascariensis* u *Neodypsis decaryi* esportati mill-Madagaskar;<br><br>(b) kulturi ta’ nebbieta jew ta’ tessuti tal-pjanti miksuba *in vitro*, f'midja solida jew likwida, ittrasportati f'konteninturi sterili;<br><br>(c) il-fjuri maqtugħa tal-pjanti ppropagati b'mod artifiċjali;<br><br>(d) frott u partijiet u derivati tagħhom, ta’ pjanti naturalizzati jew ippropagati b’mod artifiċjali tal-ġeneru *Vanilla* (Orchidaceae) u l-familja Cactaceae;<br><br>(e) zkuk, fjuri, u partijiet u derivati tagħhom ta’ pjanti tal-ġeneru *Opuntia* subġeneru *Opuntia* u *Selenicereus* (Cactaceae) ippropagati b’mod artifiċjali jew naturalizzati; u<br><br>(f) prodotti lesti tal-*Euphorbia antisyphilitica* ppakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut. |
| #5 | | Jiddenomina z-zkuk, l-injam isserrat u l-fuljetta. |

| | | |
|---|---|---|
| #6 | | Jiddenomina z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetta u l-plywood. |
| #7 | | Jiddenomina z-zkuk, il-biċċiet tal-injam, il-frak u l-estratti. |
| #8 | | Jiddenomina partijiet ta' taħt wiċċ l-art (jiġifieri l-għeruq, ir-riżomi): sħaħ, partijiet u fi trab. |
| #9 | | Jiddenomina l-partijiet u d-derivati kollha, għajr dawk li jkollhom tikketta 'Produced from *Hoodia* spp. material obtained through controlled harvesting and production in collaboration with the CITES Management Authorities of Botswana/Namibia/South Africa under agreement no. BW/NA/ZA xxxxxx' ('Prodott mill-materjal *Hoodia* spp. miksub permezz ta' ħsad u produzzjoni kkontrollata b'kollaborazzjoni mal-Awtoritajiet Amministrattivi tas-CITES tal-Botswana/in-Namibja/l-Afrika t'Isfel skont il-ftehim nru BW/NA/ZA xxxxxx'). |
| #10 | | Jiddenomina z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetta, inklużi oġġetti tal-injam mhux kompleti li jintużaw għall-manifattura ta' arkijiet ta' strumenti mużikali tal-korda. |
| #11 | | Jiddenomina z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetta, il-plywood, il-frak u l-estratti. |
| #12 | | Jiddenomina z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetta, il-plywood u ż-żejt essenzjali, u jeskludi prodotti lesti, ippakkjati u ppreparati għall-bejgħ bl-imnut. |
| #13 | | Jiddenomina l-qalba (magħrufa wkoll bħala 'endosperma', 'polpa' jew 'kopra') u kull derivat tagħha. |

13. Billi l-ebda mill-ispeċijiet jew gruppi tassonomiċi ogħla ta' FLORA inklużi fl-Anness A ma huma annotati fir-rigward li l-ibridi tagħhom għandhom jiġu ttrattati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4.1 tar-Regolament, dan ifisser li l-ibridi ppropagati b'mod artifiċjali prodotti minn waħda jew iktar minn dawn l-ispeċijiet jew gruppi tassonomiċi jistgħu jiġu nnegozjati b'ċertifikat ta' propagazzjoni artifiċjali, u li ż-żrieragħ u l-għabra tad-dakra (inkluż il-pollinja), il-fjuri maqtugħa,

il-kulturi ta’ nebbieta jew ta’ tessuti tal-pjanti miksuba *in vitro*, f'medja solida jew likwida, ittrasportati f’kontenituri sterili ta’ dawn l-ibridi mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

14. L-urina, il-feċi u l-ambra griża li huma prodotti tal-iskart u miksuba mingħajr il-manipulazzjoni tal-annimal konċernat, mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

15. Rigward l-ispeċijiet tal-fawna elenkati fl-Anness D, id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw biss għall-eżemplari ħajjin u għall-eżemplari mejtin sħaħ, jew sostanzjalment sħaħ, għajr għall-gruppi tassonomiċi li huma annotati kif ġej sabiex juru li huma koperti wkoll partijiet u derivati oħrajn:

| | | |
|---|---|---|
| § 1 | | Kwalunkwe ġilda sħiħa, jew sostanzjalment sħiħa, mhux maħduma jew ikkunzata. |
| § 2 | | Kwalunkwe rix jew kwalunkwe ġilda jew parti oħra bir-rix fuqha. |

16. Rigward l-ispeċijiet tal-flora elenkati fl-Anness D, id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw biss għall-eżemplari ħajjin, għajr għall-gruppi tassonomiċi li huma annotati kif ġej sabiex juru li huma koperti wkoll partijiet u derivati oħrajn:

| | | |
|---|---|---|
| § 3 | | Pjanti mnixxfa jew friski, inklużi, meta xieraq; il-weraq, l-għeruq/l-għeruq selvaġġi li jintużaw għat-tilqim (rootstock), iż-żrieragħ/l-ispori, il-qoxra u l-frott. |
| § 4 | | Iz-zkuk, l-injam isserrat u l-fuljetta. |

| | *Anness A* | *Anness B* | *Anness C* | *Isem komuni* |
|---|---|---|---|---|
| *FAWNA* | | | | |
| CHORDATA (KORDATI) | | | | |
| *MAMMALIA* | | | | *Mammiferi* |
| ARTIODACTYLA | | | | |
| *Antilocapridae* | | | | *Antilop mogħża muqran (pronghorn)* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *Antilocapra americana* (I) (Il-popolazzjoni tal-Messiku biss; l-Annessi għal dan ir-Regolament ma jinkludu ebda popolazzjoni oħra) | | | Antilop mogħża muqran Messikan |
| *Bovidae* | | | | *Antilopi, bhejjem tal-ifrat, duikers, għażżiela, mogħoż, nagħaġ, eċċ.* |
| | *Addax nasomaculatus* (I) | | | Addax |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | *Ammotragus lervia* (II) | | Nagħaġ tal-Barberija |
| | | | *Antilope cervicapra* (III in-Nepal) | Antilop Indjan (blackbuck) |
| | | *Bison bison athabascae* (II) | | Gemus tal-muntanji (wood bison) |
| | *Bos gaurus* (I) (Jeskludi l-forma domestikata referenzjata bħala *Bos frontalis*, li mhix suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament) | | | Gaur |
| | *Bos mutus* (I) (Jeskludi l-forma domestikata referenzjata *bħala Bos grunniens*, li mhix suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament) | | | Jakk selvaġġ |
| | *Bos sauveli* (I) | | | Kouprey |
| | | | *Bubalus arnee* (III in-Nepal) (Jeskludi l-forma domestikata referenzjata bħala *Bubalus bubalis*, li mhix suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament) | Buflu Ażjatiku selvaġġ |
| | *Bubalus depressicornis* (I) | | | Anoa tal-pjanura |
| | *Bubalus mindorensis* (I) | | | Tamarau |
| | *Bubalus quarlesi* (I) | | | Anoa tal-muntanji |
| | | *Budorcas taxicolor* (II) | | Takin |
| | *Capra falconeri* (I) | | | Markhor |
| | *Capricornis milneedwardsii* (I) | | | Serow Ċiniż |
| | *Capricornis rubidus* (I) | | | Serow aħmar |
| | *Capricornis sumatraensis* (I) | | | Serow tas-Sumatra |
| | *Capricornis thar* (I) | | | Serow tal-Ħimalaja |
| | | *Cephalophus brookei* (II) | | Duiker ta' Brooke |
| | | *Cephalophus dorsalis* (II) | | Duiker bajju |
| | *Cephalophus jentinki* (I) | | | Duiker ta' Jentink |
| | | *Cephalophus ogilbyi* (II) | | Duiker ta' Ogilby |
| | | *Cephalophus silvicultor* (II) | | Duiker dahru isfar |
| | | *Cephalophus zebra* (II) | | Duiker żebra |
| | | *Damaliscus pygargus pygargus* (II) | | Bontebok |
| | *Gazella cuvieri* (I) | | | Għażżiela ta' Cuvier |
| | | | *Gazella dorcas* (III l-Alġerija / it-Tuneżija) | Għażżiela Dorcas |
| | *Gazella leptoceros* (I) | | | Għażżiela qrunha rqajjaq |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *Hippotragus niger variani* (I) | | | Antilop ġgant iswed |
| | | *Kobus leche* (II) | | Lechwe |
| | *Naemorhedus baileyi* (I) | | | Goral aħmar |
| | Naemorhedus *caudatus* (I) | | | Goral denbu twil |
| | *Naemorhedus goral* (I) | | | Goral tal-Ħimalaja |
| | *Naemorhedus griseus* (I) | | | Goral Ċiniż |
| | *Nanger dama* (I) | | | Għażżiela Dama |
| | *Oryx dammah* (I) | | | Oriċi qrunu ximitarra |
| | *Oryx leucoryx* (I) | | | Oriċi tal-Għarabja |
| | | *Ovis ammon* (II) (għajr għas-sottospeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Argali |
| | *Ovis ammon hodgsonii* (I) | | | Argali Tibetan |
| | *Ovis ammon nigrimontana* (I) | | | Argali Kara Tau |
| | | *Ovis canadensis* (II) (Il-popolazzjoni tal-Messiku biss; l-Annessi għal dan ir-Regolament ma jinkludu ebda popolazzjoni oħra) | | Nagħġa qrunha kbir tal-Messiku |
| | *Ovis orientalis ophion* (I) | | | Muflun ta' Ċipru |
| | | *Ovis vignei* (II) (Għajr għas-subspeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Urial |
| | *Ovis vignei vignei* (I) | | | Urial tal-Ladakh |
| | *Pantholops hodgsonii* (I) | | | Chiru |
| | | *Philantomba monticola* (II) | | Duiker ikħal |
| | *Pseudoryx nghetinhensis* (I) | | | Siola |
| | *Rupicapra pyrenaica ornata* (I) | | | Kamoxx tal-Abruzzo |
| | | *Saiga borealis* (II) | | Saiga tal-Mongolja |
| | | *Saiga tatarica* (II) | | Saiga tal-isteppa |
| | | | *Tetracerus quadricornis (III* in-Nepal) | Antilop b'erbat iqrun |
| *Camelidae* | | | | *Iġmla, guanaco, vicuña* |
| | | *Lama guanicoe* (II) | | Guanaco |
| | *Vicugna vicugna* (I) (Għajr għall-popolazzjonijiet tal-Arġentina [il-popolazzjoni tal- | *Vicugna vicugna* (II) (il-popolazzjonijiet tal-*Arġentina*[1] biss [il- | | Vicuña |

1 Il-popolazzjoni tal-Arġentina (elenkata fl-Anness B):Għall-għan waħdieni li jippermetti l-kummerċ internazzjonali tas-suf imqaxxar minn vicuñas ħajjin tal-popolazzjonijiet inklużi fl-Anness B, tad-drapp u tal-prodotti manifatturati derivati u

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Provinċji ta' Jujuy u Catamarca u l-popolazzjonijiet f'semi-kattività fil-Provinċji ta' Jujuy, Salta, Catamarca, La Rioja u San Juan]; il-Bolivja [il-popolazzjoni kollha]; iċ-Ċili [il-popolazzjoni tal-Primera Región]; u l-Peru [il-popolazzjoni kollha]; li huma inklużi fl-Anness B) | popolazzjoni tal-Provinċji ta' Jujuy u Catamarca u l-popolazzjonijiet f'semi-kattività fil-Provinċji ta' Jujuy, Salta, Catamarca, La Rioja u San Juan]; *il-Bolivja*[1] [il-popolazzjoni kollha]; *Iċ-Ċili*[2] [il-popolazzjoni tal-Primera Región]; *il-Peru*[3] [il-popolazzjoni kollha]; il-popolazzjonijiet l-oħra kollha huma inklużi fl-Anness A) | | |
| *Cervidae* | | | | *Ċerv, huemul, muntjak, pudu* |

---

oġġetti oħra ta' artiġjanat. Fuq in-naħa ta' ġewwa tad-drapp għandu jkun hemm il-logo adottat mill-Istati taż-żona ta' distribuzzjoni tal-ispeċi, li huma firmatarji għall-'Convenio para la Conservación y Manejo de la Vicuña', u mal-bordura għandu jkun hemm il-kliem 'VICUÑA-ARGENTINA'. Prodotti oħra għandu jkollhom tikketta li tinkludi l-logo u d-denominazzjoni 'VICUÑA-ARGENTINA-ARTESANÍA'. L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Anness A u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat skont dan.

1 Il-popolazzjoni tal-Bolivja (elenkata fl-Anness B):Għall-għan waħdieni li jippermetti l-kummerċ internazzjonali tas-suf imqaxxar minn vicuñas ħajjin u tad-drapp u ta' oġġetti magħmulin minnu, inklużi oġġetti ta' artiġjanat lussużi u xogħol tas-suf maħdum. Fuq in-naħa ta' ġewwa tad-drapp għandu jkun hemm il-logo adottat mill-Istati taż-żona ta' distribuzzjoni tal-ispeċi, li huma firmatarji għall-'Convenio para la Conservación y Manejo de la Vicuña', u mal-bordura għandu jkun hemm il-kliem 'VICUÑA-BOLIVIA'. Prodotti oħra għandu jkollhom tikketta li tinkludi l-logo u d-denominazzjoni 'VICUÑA-BOLIVIA-ARTESANÍA'. L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Anness A u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat skont dan.

2 Il-popolazzjoni taċ-Ċili (elenkata fl-Anness B):Għall-għan waħdieni li jippermetti l-kummerċ internazzjonali tas-suf imqaxxar minn vicuñas ħajjin tal-popolazzjonijiet inklużi fl-Anness B, u tad-drapp u ta' oġġetti magħmulin minnu, inklużi oġġetti ta' artiġjanat lussużi u xogħol tas-suf maħdum. Fuq in-naħa ta' ġewwa tad-drapp għandu jkun hemm il-logo adottat mill-Istati taż-żona ta' distribuzzjoni tal-ispeċi, li huma firmatarji għall-'Convenio para la Conservación y Manejo de la Vicuña', u mal-bordura għandu jkun hemm il-kliem 'VICUÑA-CHILE'. Prodotti oħra għandu jkollhom tikketta li tinkludi l-logo u d-denominazzjoni 'VICUÑA-CHILE-ARTESANÍA'. L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Anness A u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat skont dan.

3 Il-popolazzjoni tal-Peru (elenkata fl-Anness B): Għall-għan waħdieni li jippermetti l-kummerċ internazzjonali tas-suf imqaxxar minn vicuñas ħajjin u mill-3249 kg suf ta' stokk eżistenti meta saret id-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (f'Novembru 1994), u tad-drapp u oġġetti magħmulin minnu, inklużi oġġetti ta' artiġjanat lussużi u xogħol tas-suf maħdum. Fuq in-naħa ta' ġewwa tad-drapp għandu jkun hemm il-logo adottat mill-Istati taż-żona ta' distribuzzjoni tal-ispeċi, li huma firmatarji għall-'Convenio para la Conservación y Manejo de la Vicuña', u mal-bordura għandu jkun hemm il-kliem 'VICUÑA-PERU'. Prodotti oħra għandu jkollhom tikketta li tinkludi l-logo u d-denominazzjoni 'VICUÑA-PERU-ARTESANÍA'. L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Anness A u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat skont dan.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *Axis calamianensis* (I) | | | Ċerv tal-Kalamjan |
| | *Axis kuhlii* (I) | | | Ċerv ta' Bawean |
| | *Axis porcinus annamiticus* (I) | | | Ċerv porċin tal-Indoċina |
| | *Blastocerus dichotomus* (I) | | | Ċerv tal-marġa |
| | | *Cervus elaphus bactrianus* (II) | | Ċerv Baktrijan |
| | | | Cer*vus elaphus barbarus* (III L-Alġerija/It-Tuneżija) | Ċerv tal-Barberja |
| | *Cervus elaphus hanglu* (I) | | | Hangul |
| | *Dama dama mesopotamica* (I) | | | Ċerv ħamrani Persjan |
| | *Hippocamelus* spp. (I) | | | Huemul |
| | | | *Mazama temama cerasina* (III il-Gwatemala) | Mażama ħamra tal-Amerika Ċentrali |
| | *Muntiacus crinifrons* (I) | | | Muntjak iswed |
| | *Muntiacus vuquangensis* (I) | | | Muntjak kbir |
| | | | *Odocoileus virginianus mayensis* (III il-Gwatemala) | Ċerv denbu abjad tal-Gwatemala |
| | *Ozotoceros bezoarticus* (I) | | | Ċerv tal-Pampas |
| | | *Pudu mephistophiles* (II) | | Pudu tat-Tramuntana |
| | *Pudu puda* (I) | | | Pudu tan-Nofsinhar |
| | *Rucervus duvaucelii* (I) | | | Barasingha |
| | *Rucervus eldii* (I) | | | Ċerv ta' Eld |
| *Hippopotamidae* | | | | *Ippopotami* |
| | | *Hexaprotodon liberiensis* (II) | | Ippopotamu pigmew |
| | | *Hippopotamus amphibius* (II) | | Ippopotamu komuni |
| *Moschidae* | | | | *Ċerv tal-misk* |
| | *Moschus* spp. (I) (Il-popolazzjonijiet tal-Afganistan, il-Bhutan, l-Indja, il-Mjanmar, in-Nepal u l-Pakistan biss; il-popolazzjonijiet l-oħra kollha huma inklużi fl-Anness B) | *Moschus* spp. (II) (Għajr għall-popolazzjonijiet tal-Afganistan, il-Bhutan, l-Indja, il-Mjanmar, in-Nepal u l-Pakistan, li huma inklużi fl-Anness A) | | Ċerv tal-misk |
| *Suidae* | | | | *Babirusa, qżieqeż, ħnieżer* |
| | *Babyrousa babyrussa* (I) | | | Babirusa ta' Buru |
| | *Babyrousa bolabatuensis* (I) | | | Babirusa ta' Bola Batu |
| | *Babyrousa celebensis* (I) | | | Babirusa tas-Sulawesi tat-Tramuntana |
| | *Babyrousa togeanensis* (I) | | | Babirusa ta' Malenge |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *Sus salvanius* (I) | | | Qażquż pigmew |
| *Tayassuidae* | | | | *Pekari* |
| | | Tayassuidae spp. (II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A u esklużi l-popolazzjonijiet ta' *Pecari tajacu* tal-Messiku u l-Istati Uniti, li mhumiex inkluiżpopolazzjonijiet Annessi ta' dan ir-Regolament) | | Pekari |
| | *Catagonus wagneri* (I) | | | Pekari Ċakoan |
| CARNIVORA | | | | |
| *Ailuridae* | | | | |
| | *Ailurus fulgens* (I) | | | Panda aħmar |
| *Canidae* | | | | *Klieb, volpi, lupi* |
| | | | *Canis aureus* (III l-Indja) | Ġakall dehbi |
